MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Numru 1051/2008

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Daniel Lanzon

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 567485M, akkuzat talli:

1. nhar is-27 ta' Mejju 2008, f'xi hin wara nofs inhar, fi Triq l-Ifran il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' 200 Ewro fi flus kontanti minn gol-Knisja ta' Santu Wistin, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-mezz u li sehh ghad-dannu tal-Patrijiet Agostinjani u/jew l-amministraturi ta' l-istess post.

2. sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
3. kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D. nhar it-23 ta’ Frar 2006.
4. ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr A Vella LL.D. nhar l-20 ta’ Dicembru 2007.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2012 jammetti l-akkuzi fl-liema ammizzjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra tant li giet minnu ribadita f’din l-udjenza wkoll.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata. Apparti din l-ammissjoni l-htija tal-imputat tohrog esawrientement cara mill-istqarrija minnu rilaxxjata u mid-dokumenti esebiti.

Issibu ghalhekk hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Fil-konfront tal-ewwel u t-tieni akkuza: rat l-Artikolu 261(c)(e), 267, 269(a), 279(b), 280(1) tikkundannah sitt xhur prigunerija.
Fil-konfront tat-tielet akkuza: rat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 u bid-deskrizzjoni hemm lilha moghtija qeghdha terga’ tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ probation ghal tlett snin mill-lum.

Fil-konfront tar-raba’ akkuza: rat l-Artikolu 28B, 28C(2) tal-Kap 9 u tordna li s-sentenza sospiza ta’ tmintax-il xahar tal- 20 ta’ Dicembru 2007 ta’ din il-Qorti diversament preseduta tibda ssehh.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------